ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

StudentBounty.com

**IT-TIENI SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ______________________________** **Il-Klassi: ____________**

**A. Aqta' sinjal taħt il-kelma t-tajba.** **(10 marki)**

**Eżempju:** Il-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl niċċelebrawha (fl-10 ta' Frar, fil-15 t'Awwissu, fit-8 ta' Settembru).

1. Il-festa meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli nsejħulha (il-Pentekoste, l-Għid, il-Milied).
2. Il-kelma t'Alla nsibuha (f'kull ktieb, fil-Bibbja, fid-dizzjunarju).
3. Ir-ragħaj (il-ħażin, it-tajjeb, l-għażżien) ifittex lin-nagħaġ tiegħu.
4. Is-suċċessuri tal-Appostli huma (l-isqfijiet, is-sorijiet, l-abbatini).
5. In-Nisrani għandu jħares lejn reliġjonijiet oħra b'(disprezz, rispett, arroganza).
6. Enċiklika hi ittra li jikteb (l-isqof, il-Papa, il-kappillan).
7. Il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli jitkellem dwar il-bidu (tal-Knisja, tad-dinja, tal-bniedem).
8. Ġesù għażel lil (Pietru, Ġwanni, Ġakbu) biex ikun il-blata li fuqha jibni l-Knisja tiegħu.
9. Il-Knisja f'Malta tgħin lill-vittmi tal-vizzju (tas-serq, tad-droga, tal-gideb) permezz tal-Caritas.
10. Il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli fih (27, 30, 28) kapitlu.

**B. Imla l-vojt mill-kliem li hawn fil-kaxxi.** **(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| qaddisin | Mattew | lill-appostli | maħfra | Id-Dar tal-Providenza |
| il-pubblikani | l-Evanġelisti | konċilju | Ġerusalemm | firda |

1. Ġesù ħalla ____________________ biex imexxu l-Knisja tiegħu.
2. Dawk li mietu ħbieb ma' Alla nsejħulhom ____________________.
3. Xogħol ____________________ kien li jiġbru t-taxxi.
4. ____________________ kien pubblikan.
5. ____________________ waqqafha Mons. Mikiel Azzopardi.
6. ____________________ kienu erbgħa.
7. ____________________ hija laqgħa bejn il-Papa u l-isqfijiet.
8. L-ewwel konċilju sar ____________________.
9. Nuqqas ta' komunikazzjoni ġġib ____________________.
10. Permezz tal-____________________ jkollna grupp magħqud.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**C. Immarka VERU (V) jew FALZ (F).**

1. L-Insara tal-bidu kienu jgħinu ħafna lil xulxin. ______________
2. Is-Soċjetà tal-MUSEUM bdieha San Pawl. ______________
3. Fi żmien Ġesù kien hemm firda bejn il-Lhud u r-Rumani. ______________
4. Id-dnub jifred lill-bniedem minn Alla. ______________
5. Mill-Atti tal-Appostli nagħrfu x'inhi l-Knisja. ______________
6. Alla waħdu hu s-sid ta' kollox u ta' kulħadd. ______________
7. San Pawl beda l-Knisja f'Malta. ______________
8. Madre Tereża kienet tgħin lill-fqar. ______________
9. San Pawl kiteb madwar 50 ittra. ______________
10. Jeanne Jugan bdiet il-Little Sisters of the Poor. ______________

---

**D. Il-Quddiesa – Imla l-vojt mill-kliem li hawn fil-kaxxi.** **(10 marki)**



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| tas-Salib | tal-Kelma | fl-Offertorju | fid-demm | fil-Paċi |
| tal-Ewkaristija | fil-Glorja | fil-Kredu | fil-Missierna | fil-ġisem |

1. Il-Quddiesa tinqasam fi tnejn: il-Liturġija _________________ u l-Liturġija _________________.
2. Fil-bidu tal-Quddiesa nagħmlu s-sinjal _________________.
3. _________________ nkunu qed infaħħru lil Alla u _________________ nuru dak li nemmnu.
4. _________________ noffru lilna nfusna lil Alla.
5. Fil-Konsagrazzjoni, il-ħobż u l-inbid jinbidlu _________________ u _________________ ta' Ġesù.
6. _________________ u _________________ nuru l-għaqda ta' bejnietna.

---



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**E. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



F'dawk il-jiem l-għadd tad-dixxipli kien qiegħed jiżdied; għalhekk sar xi tgergir mil-Lhud Griegi kontra l-Lhud, għax dehrilhom li ma kienx hemm min jieħu ħsieb ir-romol tagħhom fil-ministeru ta' kuljum. Għalhekk it-Tnax sejħu l-ġemgħa tad-dixxipli u qalulhom: "Mhux sewwa li aħna nħallu l-Kelma t'Alla biex naqdu fl-imwejjed. Mela, l-aħwa, ħudu ħsieb u agħżlu minn fostkom sebat irġiel li għandhom isem tajjeb u li huma mimlijin bl-Ispirtu u bl-għerf, u nħallu din il-ħidma f'idejhom. U aħna nagħtu ruħna għat-talb u għall-ministeru tal-kelma." Dan il-kliem għoġob lill-ġemgħa kollha; u għażlu lil Stiefnu, bniedem mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, lil Filippu, lil Prokoru, lil Nikanor, lil Timon, lil Parmena, u lil Nikola, prosèlita minn Antijokja. Lil dawn ressquhom quddiem l-appostli, li talbu u qiegħdu jdejhom fuqhom. U l-kelma ta' Alla kienet tixtered dejjem aktar; l-għadd tad-dixxipli kien jiżdied ħafna f'Ġerusalemm, u kotra kbira ta' qassisin kienu joqogħdu għall-fidi. *(Atti 6, 1-7)*

1. Min beda jgerger?

   ______________________________ (2 marki)

2. Għalfejn bdew igergru?

   ______________________________ (2 marki)

3. "Għalhekk it-Tnax sejħu l-ġemgħa tad-dixxipli." Min huma 'it-Tnax'?

   ______________________________ (2 marki)

4. Kemm intgħażlu djakni?

   ______________________________ (2 marki)

5. Semmi **tnejn** mid-djakni li ntgħażlu.

   a. ______________ b. ______________ (2 marki)

6. X'kien se jkun ix-xogħol tad-djakni?

   ______________________________ (2 marki)

7. Minn liema ktieb tal-Bibbja hi meħuda din is-silta?

   ______________________________ (2 marki)

8. Min kiteb dan il-ktieb?

   ______________________________ (2 marki)

9. X'kienu jagħmlu l-ewwel Insara bil-ġid li kien ikollhom?

   ______________________________ (2 marki)

10. Semmi eżempju kif il-Knisja llum qed tgħin lil min hu batut.

    ______________________________ (2 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** **(2**

1. Semmi **żewġ** firdiet li kellhom il-Lhud fi żmien Ġesù?

   a. ____________________ b. ____________________

2. Semmi **żewġ** kuluri li juża l-qassis waqt il-quddiesa.

   a. ____________________ b. ____________________

3. X'jismu l-Papa li qiegħed imexxi l-Knisja bħalissa?

   ________________________________________

4. X'inhi Pastorali?

   ________________________________________

5. Min kien l-ewwel martri tal-Knisja?

   ________________________________________

6. Semmi **żewġ** mirakli li għamel Ġesù.

   a. ____________________ b. ____________________

7. Semmi **żewġ** parabboli li qal Ġesù.

   a. ____________________ b. ____________________

8. Semmi **żewġ** kotba li nsibu fit-Testment il-Ġdid.

   a. ____________________ b. ____________________

9. Semmi sagrament li Ġesù waqqaf fl-Aħħar Ċena.

   ________________________________________

10. Semmi **żewġ** appostli.

   a. ____________________ b. ____________________

---

**G. Fuq karta separata wieġeb dawn il-mistoqsijiet kollha.**

1. Irrakkonta l-istorja ta' meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-appostli. **(10 marki)**
   Wieġeb f'madwar **60 kelma**. Dan il-kliem jista' jgħinek:
   *magħluqa, f'post wieħed, riħ qawwi, ilsna qishom tan-nar, diversi ilsna, Pietru, magħmudija.*

2. Bħala Nisrani/ja, kif għandek iġġib ruħek fil-familja? **(5 marki)**
   Wieġeb f'madwar **30 kelma**.

3. X'ried jgħallimna Ġesù bil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb? **(5 marki)**
   Wieġeb f'madwar **30 kelma**.

---

**Tmiem il-Karta**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers